# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 25**

**Avviz numru 29/97/SM**

**Ronnie Gauci**

**vs**

**Ray Camilleri u Philip Bond jew minn minnhom u b'digreit tal-10 ta' April, 1997 kunjom il-konvenut Bond gie korrett ghal Bowd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Jannar ta' l-1997 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (LM250.00,0) rapprezentanti hlas ta' bilanc dovut ghal tqeghid ta' granit li huma inkarigawh ipoggi fix-Showroom tad-Daewoo, Imdina Road,**

**Qromi, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-kompletazzjoni tat-tqeghid tal-materjal fuq imsemmi;**

**2. Bl-ispejjez u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Ray Camilleri datata l-14 ta' Frar ta' l-1997 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi hu qatt ma inkariga lill-attur jghamel ix-xoghol imsemmi mill-istess attur fl-avviz;**

**2. Illi sa fejn jaf hu s-socjeta' Ray Camilleri Marble Works Ltd keinet inkarigat lil Philip Bowd jghamel l-istess xoghol u dan ta' l-ahhar inkariga lill-attur sabiex jghamel ix-xoghol;**

**3. Illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti tant illi min ikkommissjona x-xoghol ma hallasx lis-socjeta' Ray Camilleri Marble Works Ltd;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Philip Bowd datata l-25 ta' Mejju ta' l-1997 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux debitur tieghu fl-ebda ammont billi ma hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejniethom;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta quddiema;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-konvenut Camilleri, tramite s-socjeta' tieghu Ray Camilleri Works Limited kien ta' appalt ta' tqeghid ta' granit mal-faccata tal-"lifts" tal-"Universal Motors", Mdina Road, Qormi, lill-konvenut l-iehor Bowd;**

2. **Illi dan il-konvenut Bowd kejjel ix-xoghol dovut, ipprezenta stima u inghata l-appalt;**

3. **Illi pero' dan gie sub-appaltat lill-attur minn Bowd li effettivament ittermina x-xoghol;**

4. **Illi jirrizulta li peress li l-hajt fejn gie imwahhal il-granit kien imxattar allura l-kalkoli li kien tah il-konvenut Bowd kienu erronei u per konsegwenza kellhu jvarja x-xoghol skond ir-rizultanzi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jkun ovvju li l-origini tal-vertenza in dizamina hu l-kejl erraneu tal-konvenut Bowd li zvija kemm lill-attur kif ukoll lill-konvenut l-iehor;**

**Illi ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici, u l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ray Camilleri, tichad l-eccezzjonijiet ta' Bowd u tikkundanna lill-imsemmi Philip Bowd biex ihallas lill-attur Ronnie Gauci l-ammont ta' mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM250.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**